



# Ħidma

Dario Vella
*Sindku*



Nixtieq nibda billi nirringrazzja minn qalbi lill-Għaqda Mużikali Imperial ta' din l-opportunità biex inwassal l-ewwel messaġġ tiegħi bħala Sindku tal-Mellieħa fil-ktejjeb li s-Soċjetà Mużikali Imperial tippubblika ta' kull sena fl-okkażjoni tal-Festa.

Il-ferħ li jġibu magħhom dawn il-jiem tal-Festa huwa għall-fatt li hawn l-għaqda f'din il-lokalità tagħna. Il-ħidma li tkun ilha għaddejja minn wara l-aħħar festa ssarraf f'ferħ u fi mħabba lejn il-Bambina tagħna. Hu ta' sodisfazzjon li tara l-għaqdiet kollha ta' dan ir-raħal għaddejjin b'ħidma kontinwa biex ta' kull sena jsebbħu l-pjazza u jpaxxu lin-nies u lil mijiet ta' turisti li jattendu f'dawn il-jiem. Ħafna drabi ngħidu "jalla l-festa tiġi s-sena kollha" u hekk hu. Jien nappella lill-poplu kollu Mellieħi biex, mhux biss fi żmien il-festa, iżda matul is-sena kollha nkomplu bil-ħidma biex verament dan ir-raħal għażiż jibqa' uniku u l-aqwa. L-Għaqda Mużikali Imperial matul is-sena torganizza bosta attivitajiet bi preparazzjoni għall-festa ta' Marija Bambina. Grazzi tal-impenn tagħkom lejn il-komunità Melleħija.

Il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa tul is-26 sena mit-twaqqif tiegħu dejjem kien ta' spalla għal kull għaqda fil-Mellieħa, u dan il-Kunsill hekk ħa jkompli jagħmel. Dan għaliex bħala Kunsill nemmnu bis-sħiħ li l-għaqdiet kollha jixraqilhom dejjem l-aħjar biex flimkien inkomplu nkabbru u nkattru l-kultura ġewwa r-raħal mill-isbaħ tagħna.

Nixtieq nagħlaq dan il-messaġġ billi f'ismi u f'isem sħabi l-Kunsilliera kollha u l-istaff tal-Kunsill, nirringrazzja lill-President is-Sur Josef Borg u lill-membri kollha tal-Għaqda Mużikali Imperial tal-ħidma bla waqfien tagħhom u lill-familjari tagħhom tas-sapport kontinwu.

Il-Festa t-tajba lil kulħadd.

**ID-DROGA TEQIRDEK...**
**Ħajtek f'idejk... TITLIFHIEX!!**

CLD
Caruana Light Decorations
Mob: 7984 5121